

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000050/2023

lill-Kunsill

Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

Alexander Bernhuber, Milan Brglez, Martin Hojsík, Michèle Rivasi, Anja Hazekamp

f'isem il-Komitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Suġġett: Inizjattiva Riveduta dwar il-Pollinaturi – Patt ġdid għall-pollinaturi

L-inizjattiva riveduta tal-UE dwar il-Pollinaturi għandha l-għan li tindirizza t-tnaqqis allarmanti fl-insetti pollinaturi selvaġġi fl-Ewropa.

1. Il-Kunsill se jstabilixxi koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri fil-kuntest tal-pjanijiet strateġiċi tal-politika agrikola komuni u jikkondividi l-aħjar prattiki għall-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel? L-Istati Membri kif qed jindirizzaw l-ixprunaturi tat-tnaqqis tal-pollinaturi, inkluż it-tniġġis tad-dawl?
2. L-Istati Membri kif qed jikkontribwixxu għall-monitoraġġ tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi selvaġġi? L-Istati Membri qed jipplanaw li jipprovdu appoġġ għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' monitoraġġ eżistenti tal-UE billi jiffaċilitaw l-aċċess għall-art privata? L-Istati Membri qed jappoġġjaw skema ambizzjuża ta' monitoraġġ tal-pollinaturi tal-UE billi jiżguraw biżżejjed riżorsi għall-monitoraġġ u għall-ġbir ta' informazzjoni rappreżentattiva, affidabbli u komparabbli?
3. Liema miżuri qed jimplimentaw l-Istati Membri biex iżidu l-għarfien espert fit-tassonomija u l-fawnistika? Liema miżuri qed jieħdu l-Istati Membri biex iżidu l-kapaċità taċ-ċittadini għall-monitoraġġ tal-pollinaturi, b'mod partikolari bil-ħsieb li jstabilixxu skemi ġodda ta' monitoraġġ għall-friefet u pollinaturi oħra u jappoġġjaw dawk eżistenti? X'appoġġ qed jipprovdu l-Istati Membri sabiex iżidu l-kapaċità għall-monitoraġġ tal-friefet bil-għan li jsaħħu l-iskemi ta' monitoraġġ eżistenti jew jstabilixxu oħrajn ġodda, u b'hekk itejbu r-rappreżentattività tal-indikatur għall-friefet fil-bwar?

Imressqa: 26.10.2023

Skadenza: 27.1.2024